# Il-Benċmark ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja
# 2015
# It-Tieni Sessjoni
# L-Iskema tal-Marki
# Il-Malti: Il-Kitba

**Aċċetta l-kitba ta' kliem mill-Ingliż jekk jinkiteb kif jinħass fil-Malti jew kif jinkiteb fl-Ingliż, dejjem jekk ma jkunx hemm kliem ieħor popolari bi lsienna.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **A. Il-Kitba ta' Messaġġ (10 marki)** | | | |
| *Il-messaġġ għandu jkun fih: il-persuna li se tkun indirizzata; introduzzjoni ta' min qed jikteb (min hu/min hi); għal xiex qed jirringrazzja/tirringrazzja lil din il-persuna; x'laqtu/x'laqatha l-aktar fih/a u l-ħidma tiegħu/tagħha; konklużjoni.*<br>*Il-messaġġ jista' jkun maqsum f'paragrafi jew jinkiteb f'paragrafu wieħed.* | | | |
| **L-Espressjoni (2 marki)** | | | |
| **0-1** | | **2** | |
| Ma jafx jesprimi ruħu bil-kitba. | | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u b'mod ċar. | |
| **Il-Vokabularju (2 marki)** | | | |
| **0 - 1** | | **2** | |
| Għandu firxa limitata ħafna ta' vokabularju. | | Għandu firxa wiesgħa ta' vokabularju. | |
| **Il-Grammatika, inkluża s-Sintassi (2 marki)** | | | |
| **0 - 1** | | **2** | |
| Ħa ħafna żbalji tal-grammatika u ma jafx jibni sentenza sew. | | Jaf ir-regoli ewlenin tal-grammatika u l-istruttura tas-sentenza hija tajba. | |
| **L-Ortografija u l-Punteġġjatura (3 marki)** | | | |
| **0** | **1** | **2** | **3** |
| Ġab iktar minn 10 żbalji mhux repetuti. | Ġab bejn 7 u 9 żbalji mhux repetuti. | Ġab bejn 4 u 6 żbalji mhux repetuti. | Ġab 3 żbalji jew inqas mhux repetuti. |
| **L-Eċċellenza (marka)** | | | |
| Din il-marka tingħata biss jekk l-istudent juri li l-kitba tiegħu tispikka. | | | |
| ***F'każ li l-istudent joħroġ barra mis-suġġett, ibda l-marki minn 4.*** | | | |

| B. Il-Pjan (4 marki) | |
|---|---|
| *Il-pjan jista' jkun magħmul b'diversi modi. Jista' jkun fih kliem u/jew tpinġijiet. Għall-pjan tnaqqasx marki għall-ortografija, għall-grammatika u għall-punteġġjatura.* | |
| ▪ Il-pjan huwa relevanti mas-suġġett li ntgħażel. | 2 |
| ▪ Il-pjan huwa organizzat sew. | 2 |
| *Student li jikkopja l-għajnuniet mogħtija mingħajr ma jżid xejn minn tiegħu, jew li jagħmel pjan bla ebda relevanza mas-suġġett li għażel, ma jiħux marki.* | |

| Ċ. Il-Kitba ta' Djalogu (16-il marka) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| *L-istudenti għandhom jiktbu bejn 140 u 200 kelma.* | | | | | |
| **L-Espressjoni u t-Tqassim (3 marki)** | | | | | |
| **0-1** | | | **2-3** | | |
| Ma jafx jesprimi ruħu bil-kitba. | | | Jaf jesprimi ruħu tajjeb, b'mod ċar u b'ordni. | | |
| **Il-Vokabularju (3 marki)** | | | | | |
| **0 - 1** | | | **2 - 3** | | |
| Għandu firxa limitata ħafna ta' vokabularju. | | | Għandu firxa wiesgħa ta' vokabularju. | | |
| **Il-Grammatika, inkluża s-Sintassi (3 marki)** | | | | | |
| **0 - 1** | | | **2 - 3** | | |
| Ħa ħafna żbalji tal-grammatika u ma jafx jibni sentenza sew. | | | Jaf ir-regoli ewlenin tal-grammatika u l-istruttura tas-sentenza hija tajba. | | |
| **L-Ortografija u l-Punteġġjatura (5 marki)** | | | | | |
| **0** | **1** | **2** | **3** | **4** | **5** |
| Ġab iktar minn 21 żball mhux repetut. | Ġab bejn 14 u 20 żball mhux repetut. | Ġab bejn 11 u 13-il żball mhux repetut. | Ġab bejn 8 u 10 żbalji mhux repetuti. | Ġab bejn 5 u 7 żbalji mhux repetuti. | Ġab 4 żbalji jew inqas mhux repetuti. |
| **L-Eċċellenza (2 marki)** | | | | | |
| Dawn iż-żewġ marki jingħataw biss jekk l-istudent juri li l-kitba tiegħu tispikka. | | | | | |
| *F'każ li l-istudent joħroġ barra mis-suġġett, ibda l-marki minn 7.* *F'każ li ma jiktibx fil-format ta' djalogu, ibda l-marki minn 10,* | | | | | |